Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9965 — ECP ControlCo/First Sentier Investors/Terra-Gen Power Holdings II)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 321/08)

1. Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ECP ControlCo, LLC ("ECP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— First Sentier Investors (US) Infrastructure GP LLC ("FSI", l-Istati Unitit tal-Amerka), ikkontrollata minn Mitsubishi UFJ Financial Group Inc. ("MUFG", il-Ġappun),

— Terra-Gen Power Holdings II, LLC ("TG", l-Istati Uniti tal-Amerka), bħalissa fil-kontroll esklużiv ta' ECP.

ECP u FSI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' TG. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ECP: investiment ta' ekwità privata, li jiffoka fuq l-investiment fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija eżistenti u ġodda fl-Amerika ta' Fuq,

— FSI: ġestjoni tal-assi f'isem klijenti bħal investituri istituzzjonali, fondi tal-pensjonijiet, distributuri u pjattaformi bl-ingrossa, konsulenti finanzjarji u l-klijenti tagħhom,

— TG: is-sjieda, it-tħaddim u l-iżvilupp ta' assi ta' enerġija rinnovabbli u nadifa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9965 — ECP ControlCo/First Sentier Investors/Terra-Gen Power Holdings II

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+ 32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.